# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum il-Ġimgħa, 15 ta' Novembru, 2024.**

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 260/2023 ISB**

**Av. Peter Fenech bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta' estera Tommy Hilfiger Licensing B.V. reġistrata ġewwa fil-Olanda**

**VS**

**L-Av Joseph P. Bonnici u l-Prokuratur Legali Daniel Aquilina b'digriet tad-9 ta' Mejju 2023 inħatru bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti kunsinnatarju SPARTAREX SRL**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors Ġuramentat** ta' **Av. Peter Fenech noe** tal-14 ta' Marzu 2023 u li permezz tiegħu, talab lil din il-Qorti sabiex:

1. *Tiddikjara li l-oġġetti konsistenti f’numru li ghad irid jigi determinat ta’ ħwejjeġ li ghandhom fuqhom trademarks identici ghal – jew li ma jistghux jintgharfu fl-aspetti essenzjali taghhom minn – dawk tas-socjeta` Tommy Hilfiger Licensing B.V. fir-rigward tat- trademarks tal-Unjoni Ewropea (EUTMs) senjatament: (a) word mark ‘TOMMY HILFIGER’ bin-numru ta’ registrazzjoni 131706 datat 16.10.1998 (Dok A1); (b) figurative mark ‘ ’ bin-numru ta’ registrazzjoni 138529 datat 05.06.2000 (Dok A2). ; u liema oggetti jinsabu preżentement taħt l-awtorità tad-Direttur Generali (Dwana) wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-container bin-numru SEKU 5486835 kontenenti l-imsemmija merkanzija, huma ffalsifikati u jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjetà intellettwali tas-soċjetà Tommy Hilfiger Licensing B.V. , u dan okkorrendo bin-nomina ta’ esperti nominati għal dan il-fini;*

2. *Tordna lid-Direttur Generali (Dwana) jiddisponi minn tali merkanzija lil’hinn mill-kanali tal-kummerċ b’dak il-mod li jipprekludi xi ħsara lis-soċjetà rikorrenti u l-pubbliku konsumatur, jew tordna lid-Direttur Generali (Dwana) li jiddistruġġi l-imsemmija merkanzija, f’kull każ mingħajr ebda kumpens lil u a spejjeż tal-intimati;*

3. *Tordna li l-intimati għandhom ibagħtu l-ispejjeż kollha konnessi mal-miżuri ordnati ai termini tat-tieni (2) u t-tielet (3) talbiet rikorrenti, inklużi dawk tat-trasport tal-imsemmija merkanzija għall-ħażna f’Malta qabel id-distruzzjoni eventwali tagħhom, tal-ħażna stess, tat-tallying u tal-ispejjeż kollha dovuti lid-Direttur Generali (Dwana) mill-bidu tal-proċeduri, kif ukoll tat-trasport mill-lok tal-ħażna għall-lok eventwali ta’ distruzzjoni,*

*inkluż ukoll l-ispejjeż kollha inkorsi għad-distruzzjoni finali tal-istess merkanzija.*

U dan wara illi ppremetta:

1. *Illi l-esponent ġie maħtur bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera Tommy Hilfiger Licensing B.V. sabiex jippreżenta l-azzjonijiet ġudizzjarji neċessarji sabiex jiġu protetti l-interessi tagħha ġewwa Malta.*

2. *Illi s-soċjetà Tommy Hilfiger Licensing B.V. hija s-sid ta' bosta trademarks maghrufa madwar id-dinja u uzati sabiex jiddentifikaw il-prodotti ta' success kbir taghha senjatament hwejjeg, zraben u accessorji taht il-brand 'Tommy Hilfiger' kif ukoll proprjetarja tad-drittijiet reġistrati bħala trademarks tal-Unjoni Ewropea (EUTM) registrati mal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) senjatament:*

   *(a) word mark 'TOMMY HILFIGER' bin-numru ta' registrazzjoni 131706 datat 16.10.1998 (**Dok A1 anness**);*

   *(b) figurative mark ' ' bin-numru ta' registrazzjoni 138529 datat 05.06.2000 (**Dok A2 anness**).*

3. *Illi s-socjeta rikorrenti hija detentrici ta' dritt ta' proprjeta intelletwali ghar-rigward tal-istess trademarks registrati imsemmija (Doks A1 u A2) kif ukoll ghandha drittijiet tal-awtur fir-rigward tad-disinni tal-prodotti taghha skont il-proveddimenti tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar Drittijiet dwar Propjeta Intelletwali (Mizuri Intrakonfini)), kif ukoll skont il-provvedimenti tar-Regolament U.E. 608/2013 dwar l-infurzar doganali tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;*

4. *Illi fil-15 ta' Frar 2023, ir-rikorrent nomine ġie infurmat mid-Direttur Generali (Dwana) li waqt l-iskutinji tiegħu ġewwa l-Port Ħieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-container bin-numru SEKU 5486835 li daħal ġewwa l-Port Ħieles fuq il-vapur 'CMA CGM BERLIN EXPRESS', kif jidher mid-dokumenti anness u mmarkat* ***Dok A3,*** *liema container kien fih numru li ghad irid jigi identifikat ta' ħwejjeġ li ghandhom fuqhom trademarks identici ghal – jew li ma jistghux jintgharfu fl-aspetti essenzjali taghhom minn – dawk tas-soċjetà Tommy Hilfiger Licensing B.V. debitament registrati, u li prima facie dehru lid-Direttur Generali (Dwana) li jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tas-soċjetà Tommy Hilfiger Licensing B.V.*

5. *Illi mill-kampjuni li ttieħdu mir-rikorrenti nomine, jirriżulta li l-merkanzija imsemmija u miżmuma taħt l-awtorità tad-Direttur Generali (Dwana) tikkonsisti fil-fatt f' ħwejjeġ ffalsifikati, senjatament għaliex dawn il- ħwejjeġ fihom it-trademarks fuq imsemmija u elementi distintivi oħra li ma jikkorrispondux mad-dettalji ta' prodotti li leġittimament ikollhom it-trademarks proprjetà ta' Tommy Hilfiger Licensing B.V. u di più, ġew manifatturati u esportati mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' Tommy Hilfiger Licensing B.V. u għalhekk dawn il-hwejjeg imsemmija jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali ta' Tommy Hilfiger Licensing B.V. u dan skond ir-rapporti anness u mmarkat bhala* ***Dok A4****.*

6. *Illi r-rikorrenti nomine talab lid-Direttur Generali (Dwana) sabiex iżomm il-merkanzija suspettata ġewwa Malta sabiex, a tenur tal-Artikolu 5 u 7 tal-Att dwar Drittijiet dwar Proprjetà Intellettwali (Miżuri Intrakonfini) (Kap. 414 tal-Liġijiet ta' Malta)*

*u l-Artikolu 1 u 23 tar-Regolament [EU] Nru. 608/2013 dwar l-infurzar doganali tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, huwa jipproċedi ċivilment għal deċiżjoni dwar in-natura tal-merkanzija miżmuma, liema talba d-Direttur Generali (Dwana) laqa'.*

7. *Illi din il-merkanzija inqabdet gewwa l-Port Ħieles ta' Malta u d-Direttur Generali (Dwana), permezz tal-inkartament relattiv li ghadda lis-socjeta rikorrenti, jaf li l-kunsinnatarju tal-merkanzija huwa SPARTAREX SRL u bis-segwenti dettalji:*

*CALLE HERMANAS MIRABAL N 22*
*SANTO DOMINGO*
*TEL : +1 8096972629*
*RNC 132-51194-8*

*u dan skont dak ċitat fil-polza ta' tagħbija numru CMI0132236 (**Dok A5 anness**).*

8. *Illi d-dħul ġewwa Malta, l-esportazzjoni jew ir-riesportazzjoni għal ċirkolazzjoni ħielsa, importazzjoni temporanja, tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles ta' oġġetti li jinsabu li jkunu oġġetti li jikkontravjenu dritt ta' proprjetà intellettwali huwa pprojbit skont l-artikolu 4 tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta.*

9. *Illi l-azzjonijiet tal-intimati huma pprojbiti taħt d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 tal-Kap. 414 tal-Liġijiet ta' Malta suriferit, u l-merkanzija maqbuda tikkontravvjeni d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tas-soċjetà rikorrenti skont skont l-Artikolu 2(1)(a) u/jew (b) tal-istess Kap. 414 tal-Liġijiet ta' Malta u /jew skont l-Artikolu 2(5) u/jew (6) tar-Regolament UE 608/2013; kif ukoll*

*jikkontravjenu d-drittijiet esklussivi taghha skont il-provvedimenti tal-Artikolu 9 tar-Regolament UE 2017/1001.*

10. *Illi din il-konsenja tinsab mizmuma bhalissa mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta u taht il-provvedimenti tar-Regolament UE 608/2013 wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li giet ipprovduta lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista` jiddeciedi dwar dan il-kaz.*

11. *Illi huwa principju ben stabbilit fit-Trattat tal-Komunita` Ewropea u fil-kazistika tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea illi r-Regolamenti mahruga mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ghandhom effett dirett gewwa l-pajjizi Membri u ghaldaqstant il-provvedimenti legali tar-Regolament UE 608/2013 ghandhom jigu nvokati direttament mill-Qrati Maltin fil-kwistjonijiet u l-kawzi li jkunu qed jigu trattati quddiemhom.*

12. *Illi l-Artikolu 79 tal-Legislazzjoni Sussidjarja Numru 597.04 jistipula illi l-Qrati Maltin li jistghu jittrattaw dwar EU Trademarks huma l-Prim Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti tal-Appell.*

13. *Illi l-esponent nomine jiddikjara li l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li ngħata mid-Direttur Generali (Dwana) kif ukoll mis-soċjetà rikorrenti li qiegħed jirrappreżenta;*

14. *Illi s-soċjetà rikorrenti għandha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni ġudizzjarja sabiex tikkawtela u tenforza l-jeddijiet tagħha.*

*15. lli għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

Rat id-dokumenti ppreżentati mar-rikors promotur (fol 7 sa fol 16).

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Mejju 2023 u li permezz tiegħu l-kawża ġiet appuntata għad-9 ta' Ġunju 2023, fid-9:30 a.m.

Rat ir-**risposta ġuramentata** tal**-Avukat Joseph P. Bonnici et noe** intavolata fis-6 ta' Ġunju 2023 (fol 58) li permezz tagħha eċċepixxew:

1. *Illi in linea preliminari l-intimati ma humiex edotti mill-fatti tal-każ u jirriżervaw minn issa li jagħtu risposta ulteriri wara li jottjenu l-informazzjoni debita u ulterjuri mingħand ir-rikorrenti;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjeta' rikorrenti għandhom jippruvaw sia il-mandat u sia it-titolu tal-proprietà tat-trademark in kwistjoni;*

3. *Illi r-rikorrenti għandhom jippruvaw illi l-oġġetti maqbuda huma kontrafatti u mhux oriġinali;*

4. *Illi r-rikorrenti jridu jagħmlu l-prova li s-soċjetà assenti ossia l-intimati kienu huma li taw l-inkarigu lis-soċjeta' CMA CGM Berlin Express sabiex jittrasportaw bil-bastiment Berlin Express, il-merkanzija in kwistjoni kif ukoll li l-istess soċjetà CMA CGM sabiex tindika min taha l-inkarigu;*

5. *Salv risposti ulterjuri.*

Rat in-nota tal-attur noe intavolata fis-17 ta' Novembru 2023 (fol 61) li permezz tagħha ppreżenta tliet dokumenti fosthom l-affidavit ta' **Av Peter Fenech** u l-affidavit ta' **Antoine Scalpello** (fol 62 sa fol 65).

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Novembru 2023 l-attur noe iddikjara li m'għandux aktar provi x'jipproduċi.

Rat illi fl-udjenza tal-15 ta' Marzu 2023, il-konvenuti noe iddikjaraw li m'għandhomx provi x'jipproduċu.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' Mejju 2024, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-Qorti ħalliet il-kawża għal lum għad-deċiżjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **<u>fatti</u>**:

Illi jirriżulta illi dan huwa proċediment li ttieħed mill-attur noe. ai termini tal-Artikoli **2(1)(a) u/jew (b) tal-Kap 414 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew l-Artikolu 2(5) u/jew (6) tar-Regolament U.E. 608/2013.**

Permezz tar-rikors ġuramentat tiegħu l-attur noe. jispjega li s-soċjeta' attriċi Tommy Hilfiger Licensinb B.V. hija propjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markju 'Tommy Hilfiger' liema markji huma użati mis-soċjeta' attriċi fuq diversi prodotti bħal ħwejjeġ, żraben u aċċessorji.

Jgħid illi l-istess soċjeta' hija detentriċi tad-dritt ta' propjeta` industrijali għar-rigward tal-istess markji skont il-Kap 414 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll skont il-provvedimenti tar-Regolament U.E. 608/2013 u dan ukoll minħabba l-fatt li huma reġistrati bħala EU Trade Marks.

Jispjega li fil-15 ta' Frar 2023, iddaħħlet fuq il-vapur 'CMA CGM BERLIN EXPRESS' u/jew ġiet importata temporanjament u/jew tqiegħdet ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles konsenja ta' abbiljamenti tal-ħwejjeġ li jġibu fuqhom

l-markji fuq imsemmija, li m'humiex ġenwini u dan bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap 414 tal-Liġijiet ta' Malta u bi ksur tar-Regolament U.E. 2017/1001.

Jgħid li mill-Polza ta' Kargu jirriżulta li d-dettalji ta' min kellu jirċievi l-merkanzija huwa ndikat bħala 'SPARTAREX SRL, Calle Harmanas Mirabal N22, Santo Domingo.

Isostni li d-dħul ġewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-riesportazzjoni għal ċirkolazzjoni ħielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew teqgħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħielse ta' oġġetti li jikkontravjenu dritt dwar il-propjeta intellettwali huwa projbit skont l-Artikolu 4 tal-Kap 414 tal-Liġijiet ta' Malta, mentri d-dħul mingħajr rilaxx għal ċirkolazzjoni libera f'Malta fil-kors tal-kummerċ, fejn l-oġġetto in kwistjoni joriġinaw minn pajjiżi terzi u jkollhom markji mingħajr awtorizazzajoni li jkunu identiċi għal EU Trade mark huwa projbit skont l-artikolu 9 tar-Regolament U.E. 2017/1001 u għalhekk l-abbiljament in kwistjoni jikkontravjenu d-drittijiet tas-soċjeta' attriċi.

Jispjega li l-imsemmija konsenja bħalissa tinżamm miżmuma mill-Kontrollur tad-Dwara wara applikazzjoni li saret mis-soċjeta' rikorrenti.

In sostenn tal-fatti r-rikorrenti noe. preżenta lill-Qorti s-segwenti dokumenti, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom:

- Dok. "A1": Kopja taċ-ċertifikat tal-EUTM bin-numru ta' reġistrazzjoni 131706
- Dok. "A2": Kopja taċ-ċertifikat tal-EUTM bin-numru ta' reġistrazzjoni 138529
- Dok. "A3": Kopja tal-email mibgħut mid-Direttur Ġenerali (Dwana) datata 15 ta' Frar 2023
- Dok. "A4": Kopja tar-rapport datat 8 ta' Marzu 2023
- Dok. "A5": Kopja tal-polza tat-tagħbija numru CMI0132236
- Dok. "A6": Kopja tal-email mibgħuta mid-Direttur Ġenerali (Dwana) datata 08.06.2023

Fl-affidavit tiegħu, l-**Av Dr Peter Fenech** jgħid li ġie maħtur bħala mandatarju tas-soċjeta' estera Tommy Hilfiger Licensing B.V. fl-Olanda sabiex jistitwixxi l-azzjonijiet ġudizzjarji neċessarji sabiex jiġu protetti l-interessi tagħhom.

Jispjega li fuq struzzjonijiet tal-istess kljenta u wara li saret l-applikazzjoni lid-Dwana ta' Malta ai termini tal-Artikolu 5 u 7 tal-Kap 414 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-artikolu 1 u 23 tar-Regolament (EU) Nru 608/2013 sabiex jinżammu taħt il-kustodja tagħha, total ta' ħamest elef, erba' mija u tnejn u sebgħin (5,472) ħwejjeġ kollha bil-marki reġistrati ta' Tommy Hilfiger, liema merkanzija ġiet misjuba ġewwa l-container SEKU 548635 fuq il-vapur 'CMA CGM BERLIN EXPRESS', talab lid-Dwana sabiex jiġu nfurmati bid-dettalji tal-konsenjatarju, l-container msemmi u l-merkanzija maqbuda.

Jgħid li fi tweġiba li tagħthom id-Dwana, hija bagħtet ritratti tal-merkanzija maqbuda lis-soċjeta' attriċi sabiex isir l-eżamijiet neċessarji dwar l-awtentiċita` o meno tal-ħwejjeġ *de quo*. Jispjega li permezz ta' rapport maħruġ datat 8 ta' Marzu 2023 redatt minn persuna speċjalizzata tas-soċjeta` attriċi, ġie kkonfermat li l-merkanzija maqbuda hija falza u li għalhekk il-propjeta` intelletwali tas-soċjeta' attriċi ġiet abbużivament użata mill-konvenuti u terzi persuni. Għalhekk isostni li ma kien hemm ebda alternattiva għajr li jsiru dawn il-proċeduri.

Fl-affidavit tiegħu **Antoine Scalpello – impjegat mad-Dwana ta' Malta bħala fizzjal fis-sessjoni tal-infurzar** jgħid li l-kontejner bin-numru SEKU5486835 inħatt fil-port ħieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-vapur CMA CGM BERLIN EXPRESS fil-5 ta' Frar 2023 u ġie magħżul għal kontroll fiżiku tal-kontenut tiegħu. Jgħid li skont il-polza tat-tagħbija li ġġib in-numru CM10132236 tal-vjaġġ numru 0MYDVW1MA l-oriġini tal-kontejner kien l-Indja u kien destinat għar-Repubblika Dominikana. Jispjega li bħala kontenut kien iddikjarat li fih 552 kaxxa 'knitted garmets'. Jgħid li l-kontejner ġie mibgħut minn Rising Sun fl-Indja u l-kunsinnatarju u l-parti tan-nofikazzjoni kien indikat bħala SPARTAREX SRL, Calle Hermanas Mirabal, No 22, Santo Domingo fir-Republika Dominikana.

Jispjega li l-kontejner infetaħ fl-14 ta' Frar 2023 fil-preżenza t'uffiċjali oħra tad-Dwana u nstab li fil-kaxxi kien hemm diversi prodotti b'markji li huma sorveljati mid-Dwana

għal protezzjoni rigward drittijiet ta' propjetà` intellettwali u l-oġġetti għalihom dehru suspettużi li kienu falsifikati.

Jgħid li fis-6 ta' Ġunju 2023, waqt li l-kontejner kien qed jinħatt f'wieħed mill-imħażen tad-dwana nstabu seba' u ħamsin (57) kaxxa b'total ta' ħamest elef, erba' mija u tnejn u sebgħin (5,472) biċċa ħwejjeġ b'markji bħal dawk reġistrati f'isem 'Tommy Hilfiger'. Jispjega li fit-13 ta' Marzu 2023 ġie nfurmat li ġiet ippreżentata kawża appożita fil-Qrati Ċivili ta' Malta. Jikkonferma li l-imsemmija kunsinna għadha miżmuma mid-Dwana u ġiet irreġistrata bin-numru 55.23.029.

Jelenka spejjeż involuti f'dan il-każ partikolari li jeċċedu l-elf u mitejn Ewro (€1,200) u li għadhom jiżdiedu.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-Qorti rat il-provi u d-dokumentazzjoni kollha prodotta u peress illi l-pretensjonijiet attriċi jidhru li ġew kollha kkonfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors ġuramentat u atti oħra preżentati fl-atti tal-kawża li jinkludi l-affidavit tal-uffiċjal tad-Dwana Antoine Scalpello datat 17 ta' Novembru 2023 (Dok. A8 fol. 64) li kkonferma li l-istess oġġetti hawn indikati għadhom qed jinżammu fl-imħazen tad-Dwana, u tar-rapport ta' Alistair Gray li kkonferma li mill-eżamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawża odjerna kienet fil-fatt kontrafatta, u dwar l-ispejjeż kollha sabiex issir id-distruzzjoni tal-istess oġġetti hemm elenku fl-affidavit tal-uffiċjal tad-dwana (fol. 65), għalhekk it-talbiet attrici għandhom jiġu milqugħa kif ġej.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, wara illi rat l-atti u għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha, qed taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet attriċi fis-sens hawnekk deċiż b'dan illi:

1. **Tiddikjara u tiddeċiedi** illi l-oġġetti konsistenti f'numru li għad irid jiġi determinat ta' ħwejjeġ li għandhom fuqhom trademarks identiċi għal – jew

li ma jistgħux jintgħarfu fl-aspetti essenzjali tagħhom minn – dawk tas-soċjeta` Tommy Hilfiger Licensing B.V. fir-rigward tat-trademarks tal-Unjoni Ewropea (EUTMs) senjatament: (a) word mark 'TOMMY HILFIGER' bin-numru ta' reġistrazzjoni 131706 datat 16.10.1998 (Dok A1); (b) figurative mark ' ' bin-numru ta' reġistrazzjoni 138529 datat 05.06.2000 (Dok A2) u liema oġġetti jinsabu preżentement taħt l-awtorità tad-Direttur Generali (Dwana) wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-container bin-numru SEKU 5486835 kontenenti l-imsemmija merkanzija, huma ffalsifikati u jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tas-soċjetà rikorrenti Tommy Hilfiger Licensing B.V..

2. **Tordna** lid-Direttur Ġenerali (Dwana) sabiex fi żmien qasir u perentorju ta' disgħin (90) ġurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruġġi l-oġġetti in kwistjoni mingħajr ebda kumpens lil, u a spejjeż tal-konvenuti, skont l-artikolu 8 tal-Kap. 414 u l-provvedimenti tal-artikolu 23 tar-regolament EU 608/2013.

3. **Tordna** lis-soċjetà assenti konvenuta tħallas l-ispejjeż kollha, inklużi tat-trasport, tal-ħażna, tad-distruzzjoni tal-oġġetti in kwistjoni u tal-ispejjeż tal-Uffiċjali tad-Dwana, skont it-termini tal-Kap. 414 u tar-regolament EU 608/2013, u dan kif jirriżulta mill-affidavit tar-rappreżentant tal-Kontrollur tad-Dwana (fol. 64), kollox kif mitlub fit-tielet talba.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta` konvenuta, b'dan li l-kuraturi deputati jitħallsu skont il-liġi.

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**